<u>**TRIBUNAL INDUSTRJALI**</u>

**DECIZJONI NUMRU 2306**

**Kaz Numru 2726/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Bernard J Schranz (ID 149163 M)**

**u**

**Energeia Industries Limited (C-27397)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

<u>**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**</u>

**Nhar l-Erbgha 1 t'Ottubru, 2014**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Bernard J Schranz fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-29 t'Ottubru, 2009, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'mod ingust. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg ghar-ragunijiet ta' *redundancy* minhabba tnaqqis ta' xoghol.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta (12) fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi kemm minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi kif ukoll bdil tac-*Chairperson* li kienet qed tippresiedi dan it-Tribunal.

- **Rapprezentanza**

Bernard J Schranz li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr. Joseph A. Schembri.

Energeia Industries Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Gustavo Gysler assistit minn Dr. Richard Galea Debono.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *Export Sales Manager* u dan b'sehh mill-24 ta' Novembru, 2008. Effettivament huwa kien jaghmel xoghol ta'*Sales & Marketing Manager*.
Nhar il-15 ta' Gunju, 2009, huwa kien gie moghti ittra fejn kien gie infurmat li minhabba nuqqas ta' ordnijiet ta' xoghol u futur mhux car ghall-kumpanija kien ser jigi dikjarat *redundant.*
Fil-fatt l-impjieg tal-Appellant kien gie mitmum b'effett mit-30 ta' Gunju, 2009, u cjoe sitt gimghat wara li mtemmet il-*probation* ta' sitt xhur.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Bernard J Schranz** xehed li huwa beda l-karriera ta' xoghol ta' 16 il-sena, fejn principarjament kien involut f'*sales & marketing* ma' diversi *employers*. Spjega li wara l-ewwel impjieg tieghu li kien ma' Mizzi Group waqaf wara tlett snin sabiex ikompli bl-istudji tieghu, izda wara xi zmien kellu jerga' jmur jahdem peress li kien miet missieru. Spjega li matul is-snin hadem kemm bhala mpjegat u anke bhala *self-employed*. Spjega li f'kaz ta' impjieg minnhom huwa kien tkecca minhabba nuqqas ta ftehim mall-*employer* ghaliex ma kienx iqaxxar il-lehja minhabba kundizzjoni f'wiccu. Fir-rigward ta' dan il-kaz, ix-xhud qal li ma kienx fetah kaz quddiem it-Tribunal Industrjali.
Ix-xhud stqarr li fil-mument li huwa kien qieghed jixhed, huwa ma kienx jaghmel xoghol ta' konsulenza u kien disimpjegat, fejn kien jircievi beneficcji mis-Sigurta Socjali.

Pero' aktar tard spjega li kien ghamel zmien ingaggat fuq progett tal-EU mall-Universita fejn kien thallas ta' parti minn xoghlu. Huwa qal li kien spicca minn dan l-intrigu fl-Lulju 2010. Bhalissa jinsab fil-process li jibda *self-employed*. Fir-rigward ta' dan, f'seduta ohra, ix-xhud qal li huwa kien

qed jopera bhala *self-employed* fil-qasam tal-promozzjonijiet u *PR* u dan sa minn Dicembru 2011. Ix-xhud kompla fejn fost dettalji ohrajn qal li ghal madwar 20 xahar kien jorganizza *parties* fuq medja ta' wiehed/tnejn kull xahar bi hlas ta' madwar €20 kull persuna.
Spjega li meta kien applika sabiex jahdem mas-Socjeta' ntimata l-post kien ta' *export manager* u meta attwalment kien impjegat huwa inghata d-doveri ta' *Sales & Marketing Manager*. Meta x-xhud qal li l-ordnijiet ta' xoghol li kien irnexxilu jgib kemm dam impjegat mas-Socjeta' ntimata kienu minimi (anqas minn hamsa), huwa stqarr li dan kien kagun ta' diversi fatturi fosthom in-nuqqas ta' sapport mill-*Managing Director*, sitwazzjoni hazina fis-suq awtomobilistiku, u l-fatt li l-kumpanija ma kellhiex prodott sod. Ix-xhud qal li s-sitwazzjoni li ngiebet fiha l-kumpanija kien tort ta' decizjonijiet hziena tal-*Managing Director*. Huwa ghadda sabiex ta ezempji ta' suggerimenti li kienet tgawdi minnhom il-kumpanija, fejn qal li darba anke kien ghamel arrangamenti mall-HSBC sabiex il-kumpanija tinghata ghajnuna pero' l-*Managing Director* ma kienx lest li jidhol ghal tali *commitments*. Anke hajjar sabiex jidhlu membri fic-*Chamber of Commerce* sabiex ikun hemm certu *exposure*, pero' l-*Managing Diector* ma qabilx li tithallas il-mizata tas-shubija.
Ix-xhud qal li fiz-zmien li huwa kien gie mkecci, kien ukoll spicca mix-xoghol certu Colin Lee u mpjegat iehor fil-grad ta' *operator*.

**Gustavo Gysler** xehed b'mod estensiv fuq firxa ta' numru ta' seduti. Beda billi qal li huwa l-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata. Spjega li n-natura tax-xoghol tal-kumpanija hija li jimmanifatturaw apparat konness mad-dawl ghal industrija awtomobilistika, principalment ghall-esportazzjoni. Spjega li matul l-10 snin li l-kumpanija ilha topera, l-ammont ta' mpjegati kien ta' bejn 10 u 12, fejn madwar nofshom kienu jkunu fuq il-produzzjoni u l-ohrajn fuq doveri amministrattivi. Ix-xhud ghadda sabiex ta spjega dettaljata ta' kif kienu l-ordnijiet tax-xoghol ghas-snin 2005/06/07/08/09, fejn indika li bejn l'08-'09 kien hemm tnaqqis ta 25%.

Hawnhekk ix-xhud stqarr li sas-sena 2008, il-parti kbira tax-xoghol kien jigi minn klijent wiehed u kien propju ghalhekk li f'dak iz-zmien ittiehdet id-decizjoni li jkun impjegat *sales manager* fuq bazi *full-time*.
Aktar tard huwa ipprezenta *audited accounts* tas-snin 2007/08/09/10/11/12 fejn ta spjegazzjoni dwarhom u qal li l-20012 spiccat b'telf ta' €39,000. Huwa qal li l-Appellant kien gie mpjegat fl-24 ta' Novembru, 2008, u terminat fit-30 ta' Gunju, 2009. Ix-xhud stqarr li fl-istess zmien li l-Appellant twaqqaf mix-xoghol kienu spiccaw 4 impjegati ohra, minhabba li

kien naqas ix-xoghol. Spjega li kien spicca mix-xoghol impjegat iehor minhabba sahhtu u minfloku regghu impjegaw haddiem li kien gie terminat aktar qabel.
Dwar l-operat tal-Appellant, ix-xhud qal li kemm minhabba l-esperjenza li l-Appellant kellu fil-qasam tax-xoghol tieghu u kemm minhabba li huwa kien ikun involut f'hafna safar konness mall-*business* huwa kien ihalli lill-Appellant jopera b'mod liberu u bl-anqas supervizjoni.
Huwa rrakkonta kif l-Appellant kien ippropona li l-kumpanija tidhol fi skema ta' zvilupp tal-*business* tal-Malta Enterprise, pero' peress li din kienet tinvovli lill-kumpanija fi spiza *upfront* ta' €200,000 u li kienet tigi rimborsata wara, din l-ideja ma mmaterjalizzatx minhabba li s-sitwazzjoni tal-kumpanija mil-lat finanzjarju ma kienetx tiflah ghaliha. Dan il-progett kien apparti l-involviment tieghu u tal-Appellant kienu involuti anke l-awdituri tal-kumpanija.
Ix-xhud stqarr li fl-andament ta' l-impjieg tal-Appellant kien innota li ordnijiet ta' xoghol ma kienux gejjin u r-rizultat tal-kontribut tieghu ma kienx posittiv. Stqarr li kien f'mohhu li jtemmlu l-impieg. Pero' dan ried jaghmlu permezz ta' diskussjoni u mhux semplicement b'ittra. F'dan il-kuntest ix-xhud ghamel referenza ghal insistenza li l-Appellant kien ghamel sabiex ikollu *medical insurance* b'*full coverage*, fejn wara skopra li huwa kellhu bzonn operazzjoni li minhabba fiha kien utilizza gimghatejn barra mix-xoghol.
Spjega kif l-Appellant siefer tlett darbiet fuq xoghol tal-kumpanija, darba l-Polonja u ohra fir-Republika Ceka mall-Malta Enterprise, safriet li x-xhud qal li minnhom ma rrizultat l-ebda ordni. Filwaqt li qal li l-Appellant gieli ssugerilu mawriet barra minn Malta, ma jiftakarx li l-Appellant xi darba ssugerilu mawra partikolari fis-Saudi Arabja, pero' jaf li gieli ssemiet il-Libja. Ix-xhud stqarr li l-Appellant qatt ma qallu b'xi proposta konkreta dwar xi kuntatti specifici ma' klijenti barra l-pajjiz. Qal li huwa bhala Direttur spiss kien jiltaqa ma' klijenti magguri fl-Isvizzera u Spanja, fejn qal li darba ha lill-Appellant mieghu fl-Isvizzera.

Ix-xhud xehed kif wara l-licenzjament tal-Appellant, il-kumpanija bdiet taghmel ftit progress u dahlet fi skema mall-Malta Enterprise li kienet intiza sabiex jigi attirat xoghol mill-Ewropa tal-Lvant. Spjega li din l-iskema kienet tirrikjedi li jkun ingaggat *Business Development Manager*, kompla li fil-fatt gie mpjegat Paul Falzon f'dan il-post, li pero' gie mwaqqaf ftit tax-xhur wara peress li l-hidma ma kienetx qed thalli rizultati posittivi.
Ix-xhud spjega d-differenza kemm fid-doveri li kellu l-Appellant u dak li kien ghamel il-*Business Development Manager*, kif ukoll tas-salarji u

beneficcji ohra. Spjega li fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-Appellant kien hemm *draft agreement* li kien jinkludi l-possibilita li jinghata *car allowance* fix-xahar, fejn minkejja li dan qatt ma gie ffirmat, il-beneficcju finanzjarju xorta wahda nghatalu mat-tmiem ta' l-impjieg tieghu. Dan barra *Overseas Insurance Cover*.

**Philomena Meli** xehdet li hija saret taf lill-Appellant f'Jannar,2009, meta hija kienet tahdem fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u dan fl-okkazjoni fejn *business delegation* kienet zaret il-Polonja u l-Appellant kien fost din id-delegazzjoni. Hija qalet li huwa kien gharrafha li kien qieghed jirrapprezenta lis-Socjeta' ntimata. Ix-xhud qalet li tiftakar li l-Appellant kien ha sehem f'laqgha li d-delegazzjoni kellha mall-Kamra tal-Kummerc polakka u qalet li ratu jitkellem ma' indutrjalisti polakki. Kompliet li huwa kien talabha tghinu jiltaqgha ma' industjalisti ohrajn. Hija ddeskriviet il-partecipazzjoni tal-Appellant f'din iz-zjara bhala wahda attiva. Ix-xhud stqarret li anke waqt li hija mpjegata mall-Malta Enterprise, l-Appellant kien kellimha biex ittih kuntatti sabiex isib suq ghall-prodotti tas-Socjeta' ntimata.

**Ray Brockdorff** xehed li fil-mument huwa *manager* fl-APS Bank pero' qabel kien ghal bosta snin mall-HSBC Bank. Stqarr li xi ghaxar snin qabel kien iltaqa' mall-Appellant dwar xi facilita bankarja ghan-nom ta' xi kumpanija, pero' ma jiftakarx dettalji.

**Joe Caruana** xehed li xi erba' hames snin ilu huwa kien iltaqa mall-Appellant ghan-nom tal-kumpanija Inspectra, bil-ghan li xi xoghol li kienet taghmel is-Socjeta' ntimata ikun *farmed out* ghandhom, b'hekk jigu ffrankati certu *overhead expenses.* Temm billi qal li l-Appellant qatt ma kien reggha ghamel kuntatt mieghu dwar din l-affari.

**Klaus Pedersson** xehed li huwa jaf lill-Appellant peress li kien hadem mieghu ma' Foster Clarks Ltd., ghal madwar sentejn, fejn huwa u l-Appellant kienu jokkupaw il-kariga ta' *Regional Export Sales Manager*. Qal li f'dawn l-ahhar disa snin rah xi darbtejn. Qal li bhalissa huwa jahdem mac-Chamber of Commerce. Ix-xhud kompla li fl-ambitu ta' dmirijietu huwa kkomunika hafif mall-Appellant jew bl-E-mail jew bit-telefon. Pero' qatt ma ltaqa mieghu dwar is-Socjeta' ntimata. Stqarr li gewwa c-Chamber of Commerce, iltaqa ma' Gustavo Gysler izda mhux mall-Appellant. Dan kien xi hames snin ilu temm jghid ix-xhud.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Jos. A. Schembri** ghan-nom tal-Appellant beda l-argumenti tieghu billi qal li s-Socjeta' ntimata kienet kuntenta bl-andament tax-xoghol tal-Appellant u kellha bosta kliem ta' tifhir fir-rigward ta' xogholu. Dr. Schembri argumenta li l-fatt li ftit tal-gimghat qabel gie terminat l-impjieg tal-Appellant, il-kumpanija kienet applikat ghall-progett tal-ERDF u li hija kienet ghadha tgawdi minn '*tax holiday'* ta'10 snin jikkonfliggu mar-raguni li hija tat sabiex jigi mitmum l-impjieg tal-Appellant u cjoe '*downsizing*' minhabba problemi finanzjarji.Dr. Schembri sahaq li l-fatt li erba' xhur wara li gie mitmum l-impjieg riferut, is-Socjeta' ngaggat *Business Development Manager*, anke jekk taht sussidju qawwi tal-ERDF hija ndikazzjoni cara li r-raguni li l-licenzjament ma kienx minhabba problemi finanzjarji izda ghal ragunijiet ulterjuri. L-Avukat qal dan filwaqt li staqsa ghaliex din il-kariga ma gietx offruta lill-Appellant.
Dr. Schembri temm it-trattazzjoni tieghu billi sostna li l-problemi imsemmija mis-Socjeta' ma kienux jezistu qabel gie mitmum l-impjieg tal-Appellant izda setghu inqalghu wara.

**Dr. R. Galea Debono** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi stqarr ma jinkwadrax madwar tkeccija mix-xoghol kagun ta' xi nuqqas min-naha tal-Appellant izda huwa kaz ta' temm ta' mpjieg b'rizultat ta' sitwazzjoni ekonomika hazina li sfat fiha s-Socjeta' ntimata. Sitwazzjoni li skond Dr. Galea Debono giet ippruvata matul il-process permezz ta' dokumenti relatati mall-accounts, u mat-turnover. Dokumenti li urew kif is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija bdiet tiddeterjora. Dr. Galea Debono sahaq li bhala mizuri sabiex tigi salvata s-sitwazzjoni l-*Management* nieda certu mizuri fosthom li d-doveri tal-Appellant bdew jigu amministrati mill-*Managing Director* innifsu u anke mbarkaw fuq progett ko-finanzjat mill-U.E. sabiex il-kumpanija tespandi l-operat taghha, fejn anke gie mpjegat persuna bi rwol differenti minn tal-appellant u dan bi spejjez anqas meta komparat ma' x'kien jiswa lill-kumpanija l-Appellant.
Dr. Galea Debono ghalaq l-intervent tieghu billi sahaq li mill-fatti kif gew spjegati juru li dan kien kaz genwin ta' *redundancy*.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Diversi drabi, f'kazi ta' allegat *redundancy*, spiss jitqajjem id-dubju jekk tali mizura kienetx wahda genwina jew xi kopertura ghal ragunijiet ohra. Hekk qed jigi sostnut f'dan il-kaz min-naha tal-Appellant.

Minn dan il-process hareg car li l-licenzjament tal-Appellant ma sarx minhabba xi nuqqasijiet jew inkompetenzi, anzi l-istess Direttur Manigerjali f'rakkomandazzjoni miktuba iddeskriva lill-Appellant bhala mpjegat responsabbli.

Is-Socjeta' ntimata rritjeniet li minhabba ragunijiet ekonomici kienet kostretta tiehu mizuri fosthom tnaqqis fin-numru ta' mpjegati. Fejn matul dan il-process it-Tribunal gie mgharraf li l-Appellant ma kienx l-uniku impjegat li kellu l-impjieg tieghu terminat, izda fl-istess zmien gew licenzjati erba' mpjegati ohra.

Dan it-Tribunal jikkomprendi l-effetti emottivi li mpjegat isofri meta jitlef l-impjieg tieghu u meta ta' dan ma jkollu l-ebda tort. Pero' daqstant iehor jaccetta li socjeta' kummercjali tiehu decizjonijiet li permezz taghhom ikun salvagwardjat l-investiment li jkun sar mis-sidien u kemm jista' jkun ikunu mharsa l-impjiegi li jkun fadal.

Is-socjeta' ntimata agixxiet b'din l-istrategija fid-decizjoni li tnaqqas l-ghadd ta' dipendenti.

It-Tribunal huwa moralment konvint li dan kien kaz ta' *redundancy*, motivat unikament minn sitwazzjoni ekonomika infelici.

- **Decizjoni**

It-Tribunal Industrjali jiddeciedi li l-licenzjament ma kienx ghal raguni ngusta.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**